MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1761/2001/1

**Hayes Insurance Agency Ltd.**

**vs**
**Michael Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta' Lm277.70 dovut bhala prezz ghal polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici favur il-konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li t-talba tas-societa attrici hija infondata ghaliex l-istess konvenut qatt ma taha istruzzjonijet jew iffirma xi dokument biex igedded il-polza tal-assikurazzjoni tieghu.

Ra is-seduta tal-25 ta' Settembru 2002 li fiha xehed Matthew Hayes fejn qal lis-societa attrici dejjem kienet tibghat renewal notice xahar qabel u l-konvenut qatt ma kien tahom instruzzjonijiet biex ma jgeddux xi polza. Matthew Hayes ikkonferma li kien bagħt il-kont lil konvenut izda hu qatt ma irrisponda lura.

Ra l-istess seduta tal-25 ta' Settembru 2002 li fiha xehed Michael Vella u ikkonferma li kien saqsa lil Matthew Hayes ghal quotation bl-"increase of public liability". Il-konvenut qal li meta ircieva il-quotation ra ftit gholja u talab quotation minghand Gasan. Wara xahrejn assigurat ma Gasan il-konvenut ircieva d-debit notes mis-societa attrici. Il-konvenut jghid li meta cempel qalulu li jekk xi hadd ikun habib ta' Matthew Hayes il-policy tohrog automatically.

Ra l-kontro-ezami l-konvenut qal li meta rcieva l-quotation bl-e mail kien cempel assikurazzjoni ohra u gab quotation minn ghandhom. Hu ma kienx informa lis-societa attrici b'dan.

Il-konvenut qal li meta rcieva l-kont f'April 2001 kien cempel lil Hayes Insurance u kkontesta l-kont.

Ikkunsidrat li l-konvenut kien assikurat mas-societa attrici. Illi kien hemm lok ta' tibdil fil-polza. Illi l-konvenut iltaqa ma' direttur tas-societa attrici u fit-3 ta' Frar 2000 d-direttur tas-societa attrici baghat "e mail" bil-quotation ghal polza l-gdida. Illi fl-istess "e mail" hemm il-kliem fl-ahhar:

"please call and let me know".

Illi kienet is-societa attrici li kellha tipprova li kien hemm ftehim sabiex jiggedded il-polza taht kundizzjonijiet godda. L-"e mail" tat-3 ta' Frar 2000 jikkonferma li sa dak in-nhar l-ftehim ma kienx komplet. Illi s-societa attrici ma gabet ebda prova li l-konvenut kien accetta l-quotation. Illi l-konvenut naqas li jirrispondi ghal e mail izda dan ma ifissirx li accetta l-istess.

Illi ghalhekk t-talba attrici ghandha tigi michuda. Illi kull parti ghandu ihallas l-ispejjes tieghu dan ghaliex il-konvenut kien imissu irrisponda ghal quotation u avza lis-societa attrici li ma kienx se igedded il-polza bil-kundizzjonijiet godda.

**Philip Manduca**
**Gudikant**